Illum tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju elf disa' mija tmienja u dishgin (1998).

Quddiemi Nutar Dottor Kristen Dimech qieghed jidher personalment wara li identifika ruhu skond il-ligi:

Peter Paul Grima, bidwi, bin il-mejtin Lawrence u Rachele nee' Vella , imwieled u joqghod Nadur, Ghawdex: karta tal-identita' numru 21549(G), li qieghed jidher fuq dan l-att kemm f'ismu proprju kif ukoll bhala mandatarju ta' ohtu Gemmani Joseph, mensjonant, Marie mart Paul Mercieca, Rose mart Joseph Curmi, Carmel bidwi, Antonia mart Salvu Cutajar, u Angelo bidwi, ahwa Grima, imwieldin u joqoghdu Nadur, Ghawdex minbarra Joseph, Rose u Antonia li joqoghdu Melbourne, Victoria, Awstralja u Carmel li joqghod Xaghra, Ghawdex. U dan kif verbalment awtorizzat.

Peter Paul Grima proprio et nomine jippremetti illi nhar it-tmienja (8) ta' Frar tas-sena korrenti, elf disa' mija tmienja u disghin (1998), mietet gewwa Victoria, Ghawdex, ommu proprio et nomine Rachele Grima nee' armla ta' Lawrence, bint il-mejtin John Vella u Maria nee' Caruana, imwielda u kienet toqghod Nadur, Ghawdex. Peress illi l-imsemmija Rachele Grima mietet intestata l-wirt u successjoni taghha ghaddew skond il-ligi favur 'il fuq imsemmija seba' (7) uliedha u cioe' Joseph, Maria, Rose, Carmel, Antonia, Peter Paul u Angelo, ahwa Grima, fi kwoti ndaqs bejniethom.

Ghalhekk dana premess u ddikjarat Peter Paul Grima proprio et nomine sejjer ighaddi biex jaghmel id-dikjarazzjoni "causa mortis" preskritta mill-Artikolu tlieta u tletin (33) ta' l-Att Numru Sbatax (XVII) tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (1993) l-Att Dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, u jiddikjara li Rachele Grima kellha dawb l-immobbli fil-gurnata tal-mewt taghha:

(1) Id-dar ta' abitazzjoni u residenza taghha, numru mija u wiehed (101), fi Triq San Gwann limiti Nadur, Ghawdex. Din id-dar tikkostitwixxi wkoll ir-residenza ordinarja ta' wiehed minn uliedha Angelo Grima. Din id-dar tal-valur ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm 20000).

(2) Il-fond fi stat delepidat,

esternament markat bin-numru hamsa (5), fi Triq San Gwann limiti Nadur, Ghawdex. Din il-proprieta' tal-valur ta' tnax-il elf lira Maltin (Lm 12000).

(3) Porzjon raba' imsejjah "Tac-Ceqer" sive "Ta' Kuxxina" limiti Nadur, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka erbghin metru kwadru (40 mk); konfinanti nofsinhar u punent ma' beni ta' Joseph Zerafa u tramuntana ma' beni ta' Sika Camilleri . Dan il-porzjon raba' la huwa saqwi u lanqas fabbrikabbli. Din il-bicca raba' hija immarkata bil-kulur ahmar fuq il-pjanta u site-plan hawn annessi bhala dokument "A". Dan il-porzjon raba' tal-valur ta' tletin lira Maltin (Lm 30 ).

(4) Porzjon raba' imsejjah "Tac-Ceqer" sive "Ta' Kuxxina" limiti Nadur, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka tliet mija erbgha u sebghin punt sebgha hamsa metri kwadri (374.75 mk); konfinanti tramuntana u lvant ma' beni ta' Joseph Zerafa u nofsinhar ma' beni ta' Joseph Camilleri . Dan il-porzjon raba' la huwa saqwi u lanqas fabbrikabbli. Din il-bicca raba' hija immarkata bil-kulur ahmar fuq il-pjanta u site-plan hawn annessi bhala dokument "B". Dan il-porzjon raba' tal-valur ta' mitejn lira Maltin (Lm 200).

(5) Porzjon raba' imsejjah "Taz-zebbuga" fi Triq San Blas, limiti Nadur, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka tliet mija sitta u disghin punt tmienja tnejn metri kwadri (396.82 mk); konfinanti tramuntana ma' beni ta' Jamie Buttigieg, nofsinhar ma' beni ta' Salvu Falzon u lvant ma' beni ta' Anglu Muscat. Din il-bicca raba' hija immarkata bil-kulur ahmar fuq il-pjanta u site-plan hawn annessi bhala dokument "C". Dan il-porzjon raba' tal-valur ta' erbatax-il elf lira Maltin (Lm14000).

(6) Porzjon raba' imsejjah "Il-Wileg" limiti Qala, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka seba' mija u tmienja u erbghin metri kwadri (748 mk); konfinanti tramuntana ma' beni ta' Joseph Camilleri, lvant ma' beni ta' Kelinu Camilleri u punent ma' beni ta' Michael Camilleri. Dan il-porzjon raba' la huwa saqwi u lanqas fabbrikabbli. Din il-bicca raba' hija immarkata bil-kulur ahmar fuq il-pjanta u site-plan hawn annessi bhala dokument "D". Dan il-porzjon raba' tal-valur ta' mitt lira Maltin (Lm 100).

Ghall-finijiet tal-imsemmi Att Numru Sbatax (XVII) tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (1993) Peter Paul Grima proprio et nomine jiddikjara li l-valur minnu attribwit ghall-immobbli fuq deskritti huwa veru, gust u reali,